



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2018
COM(2018) 44 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 94/80/KE dwar id-dritt tal-vot u tal-kandidatura
f'elezzjonijiet muniċipali**

1. 1. INTRODUZZJONI

Il-futur tal-Ewropa jiddependi mill-ħila tan-nies tagħha li jħaddnu l-valuri komuni li jgħaqqduhom flimkien: id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. L-elezzjonijiet liberi u ġusti huma espressjoni bażika tad-demokrazija, u l-elezzjonijiet fl-UE jridu jsegu l-ogħla standards demokratiċi. Bħala President tal-Kummissjoni, Juncker iddikjara fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2017¹ li issa wasal iż-żmien biex tinbena Ewropa aktar magħquda, b'saħħitha u demokratika għall-2025.

Il-gvernun muniċipali u lokali hu l-livell ta' governanza li hu l-eqreb għaċ-ċittadini Ewropej u parti essenzjali mill-ħajja politika Ewropea li taffettwa lin-nies direttament. Il-parteciċipazzjoni demokratika fl-elezzjonijiet muniċipali tirrifletti involviment akbar fil-komunità lokali. Din hi marbuta wkoll ma' inklużjoni aħjar fis-soċjetà, ma' sens ta' appartenenza u ma' involviment demokratiku akbar. Madankollu, iċ-ċittadini tal-UE li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jmorru u jirresjedu liberament fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri ("ċittadini mobbli tal-UE") jissugraw li jinqatgħu mill-kultura politika lokali meta jbiddu l-pajjiż fejn jgħixu.

1.1. Id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet muniċipali

Iċ-ċittadinanza tal-UE tagħti lil kull ċittadin tal-UE d-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u tal-Parlament Ewropew irrispettivament minn jekk dan ikunx ċittadin tal-pajjiż tal-UE fejn jirresjedi, u dan bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini nazzjonali. Din l-inizjattiva hi mnaqqxa fl-Artikolu 22(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea². L-arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt huma stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE ("id-Direttiva")³.

Madankollu, jeżistu żewġ restrizzjonijiet. L-ewwel nett, Stat Membru jista' jiddeċiedi li iċ-ċittadini tiegħu stess biss huma eliġibbli li joħorġu bħala kandidati għal mexxejja tal-korp eżekuttiv ta' unità tal-gvern lokali bażika⁴. It-tieni, jekk aktar minn 20 % tal-popolazzjoni eliġibbli tivvota jkun barranin, Stat Membru jista' jitlob perjodu addizzjonali ta' residenza biex wieħed jieħu sehem fl-elezzjonijiet muniċipali.

1.2. Kontenut tar-rapport

B'dan it-tielet rapport⁵, li jagħti segwitu għar-rapport tal-2017 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, il-Kummissjoni tiegħu inkonsiderazzjoni kemm fil-fatt iċ-ċittadini tal-UE eżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza mill-2012 'l hawn.

Fil-parti l-kbira tiegħu r-rapport hu bbażat fuq data li l-Istati Membri pprovdew direttament fi kwestjonarju mibgħut lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Il-kwestjonarju fittex li jsib informazzjoni dwar id-daqs tal-elettorat mobbli fost iċ-ċittadini tal-UE f'kull Stat Membru u dwar ir-rappreżentazzjoni ta' dawn fir-reġistri elettorali għall-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Tfittxet ukoll informazzjoni dwar kemm haġu jivvutaw minn dawn iċ-ċittadini fl-aktar elezzjonijiet muniċipali riċenti u dwar x'sar biex it-tali ammont ta'

¹ http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-17-3165_mt.htm

² Din hi wkoll id-dritt fundamentali stabbilit mill-Artikolu 40 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE tad-19 ta' Diċembru 1994 li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini (ĠU L 368, 31.12.1994, p. 38).

⁴ Dawn it-termini huma ddefiniti fid-Direttiva, u jkun pereżempju s-sindku ta' belt żgħira.


⁵ L-ewwel rapport dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva skont l-Artikolu 13 ġie adottat mill-Kummissjoni fl-2002 (COM(2002) final, 260). It-tieni rapport ġie adottat fl-2012 (COM(2012) 99, 9.3.2012). Dan i-valuta l-istat tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri li kienu ssieħbu fl-UE mill-2002 u rrapporta dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet għad-Direttiva skont l-Artikolu 14.

nies jiġu mħeġġa biex jivvutaw. Din l-informazzjoni nqadet u ġiet ikkomplimentata ma' data oħra tal-Kummissjoni. Peress li r-reġistri elettorali u tal-popolazzjoni nazzjonali u muniċipali lkoll għandhom il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, ma kienx hemm data disponibbli fil-każijiet kollha.

2. 2. IS-SENSIBILIZZAZZJONI U L-PARTEĊIPAZZJONI

Mindu l-moviment liberu tnaqqax għall-ewwel darba fit-Trattati, sar ferm aktar faċli li wieħed jgħix, jaħdem, jistudja u jivvjaġġa fl-Unjoni Ewropea. L-akbar numru assolut ta' ċittadini mobbli tal-UE nstab fil-Ġermanja, fir-Renju Unit, fi Franza, fi Spanja u fl-Italja. L-akbar ishma mill-popolazzjoni totali rrappreżentati minn ċittadini mobbli tal-UE kienu fil-Lussemburgu, f'Ċipru, fl-Irlanda, fil-Belġju u fl-Awstrija.

Illustrazzjoni 1: Il-popolazzjoni fl-01.01.2016 ta' ċittadini mobbli tal-UE ta' età eliġibbli għall-vot (15-il sena u akbar) għal kull Stat Membru⁶



Data tal-Eurostat għall-2016 dwar il-popolazzjoni skont il-grupp ta' età, is-sess u ċittadinanza [migr_pop1ctz], meħuda fil-31.10.17.

Ħafna minn dawn iċ-ċittadini mobbli tal-UE jirresjedu f'ċentri urbani, iżda anki barra l-ibliet ewlenin, fejn l-opportunitajiet tax-xogħol jaġixxu bħala fattur deciziv⁷. Il-pajjiżi ewlenin tan-

⁶ Id-data rilevanti tal-Eurostat dwar il-popolazzjoni hi disponibbli skont it-tliet gruppi ta' età (0-14, 15-64 u 65+). Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, il-popolazzjoni ta' età eliġibbli għall-vot tingħadd minn 15-il sena 'l quddiem.

nazzjonalità taċ-ċittadini mobbli huma diversi u jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u minn post għal ieħor. F'ċerti postijiet, bħaż-żoni tal-fruntieri, nazzjonalità waħda jew ftit nazzjonalitajiet biss huma rrappreżentati; f'postijiet oħra l-istampa hi aktar kumplessa.


Iċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirresjedu fi Stati Membri oħra, speċjalment biex jaħdmu. Dawn ibiddu l-pajjiż ukoll biex jistudjaw, jirtiraw jew jingħaqdu ma' membri tal-familja. Ħafna ċittadini mobbli tal-UE ma jiddux iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti⁸ iżda jistgħu jinvestu ħafna minn ħajjithom u mir-riżorsi tagħhom hemmhekk.

2.1. Sensibilizzazzjoni dwar id-dritt tal-vot jew tal-kandidatura fl-elezzjonijiet municiipali

Stħarriġiet riċenti tal-Ewrobarometru jindikaw li 87 % taċ-ċittadini tal-UE mhumiex familjari mat-terminu “Ċittadin tal-Unjoni Ewropea”⁹. Bħala medja, 54 % taċ-ċittadini tal-UE jafu dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet municiipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Dan hu tnaqqis sinifikanti meta mqabbel mal-2012¹⁰ u jista' jiġi osservat fl-Istati Membri kollha (ħlief fil-Kroazja, li għaliha ma hemm ebda data disponibbli għall-2012). Filwaqt li l-għarfien dwar dan id-dritt hu sostanzjalment ogħla issa milli kien fl-2007, meta kien fl-anqas livell tiegħu (37 %), dan naqas f'aktar minn nofs tal-Istati Membri mill-2010 'l hawn.

Illustrazzjoni 2: Sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet elettoralji fl-UE fost iċ-ċittadini, 2007-2015

Ċittadin tal-UE li jgħix f'[PAJJIŻNA], għandu d-dritt li jivvota jew li jikkandida ruħu fl-elezzjonijiet municiipali — Veru



⁷ Mhux dejjem tkun tista' tinkiseb id-data eżatta dwar ir-reġjuni u l-municiipalitajiet fejn jgħixu iċ-ċittadini mobbli tal-UE.

⁸ http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Migration_and_migrant_population_statistics.

⁹ Ewrobarometru Flash Nru 430 dwar iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea, 2016.

¹⁰ Mas-66 % kienu jafu bl-istess dritt fl-2012. Ewrobarometru Flash Nru 364 dwar id-Drittijiet Elettorali, 2012.

2.2. Parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet municiċipali

Fost aktar minn 16-il miljun ċittadin mobbli tal-UE fl-2016, kważi 14-il miljun għalqu l-età tal-vot u huma eliġibbli biex jivvotaw. Dawn kienu jirrappreżentaw 3,25 % tal-popolazzjoni eliġibbli għall-vot.

L-għadd ta' ċittadini mobbli tal-UE ta' età tal-vot żdied b'mod sinifikanti f'ħafna Stati Membri mindu ħareġ ir-rapport tal-2012. Mill-2014 'l hawn¹¹, l-Istati Membri esperjenzaw żieda f'dan il-grupp tal-popolazzjoni, u n-numru ġenerali żdied bi 11,1 % (minn 12,6 għal kważi 14-il miljun)¹².

Biex jieħu sehem felezzjoni municiċipali, ċittadin irid ikun irreġistrat fir-reġistru elettoral. Madankollu, huma ftit iċ-ċittadini mobbli li jidhru li eżerċitaw id-drittijiet elettoral tagħhom fl-elezzjonijiet municiċipali fis-snin riċenti fl-istati ta' residenza tagħhom — filwaqt li ċ-ċifri relatati mal-ammont ta' votanti fl-elezzjonijiet municiċipali kienu disponibbli biss għall-ftit stati li jiġbru din id-data, ir-rati baxxi ta' reġistrazzjoni tal-votanti fl-istati li pprovdew id-data jissuġġerixxu li dan hu l-każ¹³. In-numru baxx ta' Stati Membri li jistgħu jipprovdu data jaġħmilha diffiċli li jinħarġu konklużjonijiet ulterjuri. L-Illustrazzjonijiet 3 u 4 jippruvaw jipprovdu l-aktar stampa sħiħa possibbli tar-reġistrazzjoni billi jużaw data tal-Eurostat u t-tweġibiet tal-kwestjonarju bħala bażi.

Il-formalitajiet biex iċ-ċittadini mobbli tal-UE jirreġistraw fuq ir-reġistru elettoral jvarjaw¹⁴. Fuq il-portal tal-Kummissjoni *L-Ewropa Tiegħek*, iċ-ċittadini mobbli faċilment jistgħu jsibu informazzjoni aċċessibbli dwar dawn il-formalitajiet elettoral fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

Fl-Istati Membri fejn ir-reġistrazzjoni fir-reġistru elettoral mhix awtomatika, id-data pprovduta wriet li 18,5 % biss miċ-ċittadini mobbli tal-UE li kienu residenti talbu li jiddaħħlu fir-reġistri elettoral. Il-perċentwal ta' ċittadini mobbli tal-UE fuq ir-reġistru elettoral jidied b'aktar mid-doppju għal 51,2% fl-Istati Membri li jużaw ir-reġistrazzjoni awtomatika. Ċerti Stati Membri li jipprattikaw ir-reġistrazzjoni awtomatika jobbligaw li iċ-ċittadini mobbli jirreġistraw ir-residenza tagħhom, filwaqt li oħrajn ma jaġħmlux dan. Għaldaqstant, fl-Istati Membri fejn ir-reġistrazzjoni mhix obligatorja, l-għadd ta' ċittadini mobbli tal-UE fir-reġistru elettoral jvarja mill-għadd ta' ċittadini mobbli tal-UE li huma residenti.


¹¹ L-aktar perjodu bikri li għalih id-data fil-parti l-kbira kompluta saret disponibbli mill-Eurostat għal dan il-grupp ta' età ta' ċittadini mobbli.

¹² Mat-13-il Stat Membru esperjenzaw żidiet fil-perċentwal b'ċifra doppja: ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Kroazja, l-Estonja, Malta, in-Netherlands, il-Litwanja, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

¹³ Dan hu rifless fl-istudju mħejji għar-rapport tal-2014 dwar l-elezzjonijiet Ewropej http://ec.europa.eu/justice/citizen/document/files/final_report_2014_ep_elections_study_cses_10_march_2015.pdf


¹⁴ Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja u s-Slovenja jirreġistraw iċ-ċittadini tagħhom b'mod awtomatiku fir-reġistri elettoral.

Illustrazzjoni 3: Il-perċentwal ta' ċittadini mobbli tal-UE rreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (l-Istati Membri bl-abjad ma jirreġistrawx iċ-ċittadini b'mod awtomatiku)



Fuq il-bażi tad-data tal-Eurostat għall-2016 dwar il-popolazzjoni skont il-grupp ta' età, is-sess u ċ-ċittadinanza [migr_pop1ctz], meħuda fil-31.10.17 u fuq id-data pprovduta mill-Istati Membri

Illustrazzjoni 4: Il-perċentwal ta' ċittadini mobbli tal-UE rreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (l-Istati Membri bl-abjad ma jirreġistrawx iċ-ċittadini b'mod awtomatiku — id-data tal-Istati Membri biss)




Fuq il-bażi tad-data tal-Istati Membri biss (Data dwar ir-reġistrazzjoni biss ġiet approvduta għall-Portugall).

Ftit li xejn hemm data disponibbli dwar l-għadd ta' ċittadini tal-UE li huma barranin li joħorġu bħala kandidati. Mal-20 Stat Membru indikaw li t-tali data mhix miġbura jew diffiċli li tinkiseb.

Spanja rrapportat l-akbar numru ta' ċittadini tal-UE li huma barranin li joħorġu bħala kandidati: Mal-1 913-il ċittadin mobbli tal-UE ħarġu għall-elezzjoni hemmhekk.

Illustrazzjoni 5: Ċittadini mobbli tal-UE li ħarġu bħala kandidati u li ġew eletti fl-Istat ta' residenza tagħhom



Abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri. (Mhix disponibbli d-data għall-kandidati eletti fi Spanja)

L-akbar perċentwali ta' ċittadini mobbli tal-UE eletti meta mqabbla ma' daww li ħarġu bħala kandidati kienu f' Malta (22,2 %) u fl-Iżvezja (20,8 %). Bħala medja, ġew eletti 15,5 % ta' ċittadini tal-UE li ppreżentaw il-kandidatura tagħhom fl-elezzjonijiet muniċipali tal-Istat Membru ospitanti tagħhom.

3. 3. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

3.1. Aġġornament dwar it-traspożizzjoni

Seba' Stati Membri adottaw leġislazzjoni ġdida dwar it-traspożizzjoni mindu ħareġ l-aħħar rapport¹⁵. Il-livell ta' traspożizzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha jidher li hu ġeneralment sodisfaċenti. Kważi l-kwistjonijiet kollha relatati mat-traspożizzjoni tad-Direttiva ġew riżolti b'suċċess, minkejja li hemm xi kwistjonijiet relatati mat-traspożizzjoni mhux korretta jew mhux kompluta, li jistgħu jirrappreżentaw ostaklu għall-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet elettorali, li għadhom qed jiġu diskussi ma' Stati Membri speċifiċi.

Definizzjonijiet u prinċipji komuni

L-Istati Membri ttrasponew b'mod effettiv id-definizzjonijiet tat-termini fl-Artikolu 2¹⁶ tad-Direttiva. Ġew adottati Prattiki differenti fil-livell nazzjonali, primarjament għad-definizzjoni ta' "reġistru elettorali". Il-leġislazzjoni ta' ċerti Stati Membri tistabbilixxi reġistru separat

¹⁵ Il-Finlandja, l-Ungerija, Malta, is-Slovenja, ir-Renju Unit, il-Lussemburgu u l-Iżvezja.

¹⁶ L-Artikolu 2 jiddefinixxi "unità tal-gvern lokali bażika", "elezzjonijiet muniċipali", "Stat Membru ta' residenza", "Stat Membru ta' oriġini", "reġistru elettorali", "data ta' referenza", "dikjarazzjoni formali".

(Ċipru) jew parti mir-reġistru (il-Bulgarija, il-Polonja, Franza, l-Italja, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija) għaċ-ċittadini mobbli tal-UE.

Il-benefiċjarji tad-dritt tal-vot

Ċerti Stati Membri kienu ttrasponew b'mod mhux korrett l-Artikolu 3 tad-Direttiva u kienu jirrikjedu li ċ-ċittadini mobbli tal-UE jkollhom residenza permanenti għal ħames (5) snin biex jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri kollha emendaw il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u neħħew kwalunkwe rekwiżit bħal dan¹⁷. Fi Stat Membru partikolari, iċ-ċittadini mobbli tal-UE mingħajr indirizz fiss ma setgħux jirreġistraw biex jivvutaw, anki jekk iċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru setgħu. Il-leġislazzjoni nazzjonali tbiddlet u l-kwistjoni ġiet solvuta.

Il-kundizzjonijiet tar-residenza

L-Artikolu 4 tad-Direttiva jstabilixxi li meta ċ-ċittadini ta' Stat Membru jkollhom jirresjedu fit-territorju ta' dak l-Istat għal ċertu perjodu minimu biex jivvutaw u joħorġu għall-elezzjoni, dawn jitqiesu li ssodisfaw dik il-kundizzjoni jekk ikunu rrisjedew għal perjodu ekwivalenti fi Stati Membri oħra. Il-Kummissjoni għadha qed tivvaluta kif din id-dispożizzjoni qed tiġi implimentata minn Stat Membru partikolari.

Esklużjonijiet speċifiċi

Id-Direttiva tippermetti li l-Istati Membri jċaħħdu liċ-ċittadini mid-dritt tagħhom li joħroġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali jekk, permezz ta' deċiżjoni individwali, dawn ikunu ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom li joħorġu bħala kandidati skont il-liġi tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom.

L-inkompatibilità tal-mandati

Il-persuni li joħorġu bħala kandidati huma soġġetti għall-istess kundizzjonijiet dwar l-inkompatibilità bħal dawk li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza. Din id-dispożizzjoni tidher li ġiet ttrasposta kif suppost fl-Istati Membri kollha.

Il-kundizzjonijiet ġenerali għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot

L-Artikolu 7 jipprevedi li ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza jekk dawn jitolbu hekk. Ħafna mill-Istati Membri jadottaw sistema favorevoli ta' reġistrazzjoni awtomatika fuq ir-reġistru elettorali¹⁸.

It-tniżżil fir-registru elettorali

L-Istati Membri jridu jissodisfaw ċerti obbligi stabbiliti mid-Direttiva biex jagħmluha faċli għaċ-ċittadini mobbli tal-UE biex jirreġistraw fir-reġistru elettorali.

B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex il-votanti jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru elettorali minn biżżejjed żmien qabel jum il-votazzjoni. Barra minn hekk, ċittadini barranin li jitolbu li jiddaħħlu fir-reġistru elettorali jenħtieġ li jkollhom jipprovdu biss l-istess dokumenti bħal ċittadin nazzjonali. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lil ċittadin barrani biex jipproduċi dokument tal-identità validu, flimkien ma' dikjarazzjoni formali li tiddikjara ċ-ċittadinanza tiegħu, u l-indirizz tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza.

Id-dokumenti ta' sostenn għall-kandidatura

¹⁷ Minkejja dan, għal aktar referenza ara l-punt 3.3.

¹⁸ Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżveżja u s-Slovenja.

Iċ-ċittadini tal-UE intitolati li jgħorġu bħala kandidati jenħtieġ li jkollhom jipproduċu biss l-istess dokumenti ta' sostenn bħaċ-ċittadini nazzjonali. Numru limitat ta' dokumenti fakultattivi jistgħu jkunu meħtieġa mill-Istati Membri apparti dikjarazzjoni formali li tiddikjara n-nazzjonalità u l-indirizz fl-Istat Membru ta' residenza.

Ma tkunx konformi mad-Direttiva leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi s-sottomissjoni ta' ċertifikat mill-Istat Membru tad-domiċilju li jikkonferma li ċ-ċittadin ma ġiex imċaħħad mid-dritt li jgħorġ bħala kandidat. Ċertifikat bħal dan jista' jintalab biss jekk ikun hemm dubju dwar l-awtentiċità tad-dikjarazzjoni. Inkella, dan ikun jikkostitwixxi piż addizzjonali fuq iċ-ċittadini mobbli tal-UE. Ir-rekwiżit tan-numru ta' referenza ta' ċertifikat ta' residenza lanqas ma tkun konformi mad-Direttiva. Il-Kummissjoni fetħet proċedimenti ta' ksur kontra Stat Membru li impona rekwiżiti addizzjonali bħal dawn, li warajhom il-leġiżlazzjoni nazzjonali ġiet emendata u saret konformi mad-Direttiva.

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-Istati Membri

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istat Membru tar-residenza jgħarraf liċ-ċittadini mobbli tal-UE dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti ddettaljati biex jeżerċitaw id-drittijiet elettorali fl-elezzjonijiet muniċipali "fi żmien adegwat u b'mod xieraq". In-Netherlands, bħala membru tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet elettorali, ipproponew formola multilingwi biex tagħmel dan l-iskambju tal-informazzjoni eħfef. Bħalissa l-formola qed tiġi kkunsidrata minn esperti ta' Stati Membri oħra.

B'mod partikolari, iċ-ċittadini mobbli għandhom id-dritt li jiġu infurmati dwar l-azzjoni meħuda fuq l-applikazzjonijiet tagħhom biex jiddaħħlu fir-reġistru elettorali jew jgħorġu bħala kandidati. Jekk talba għat-tniżżil fir-reġistru elettorali jew għall-kandidatura tiġi miċħuda mill-Istat Membru ta' residenza, id-Direttiva tirrikjedi li ċ-ċittadini mobbli jingħataw l-istess rimedji legali bħaċ-ċittadini nazzjonali.

L-Istati Membri kollha kkomunikaw azzjonijiet u inizjattivi istituzzjonali biex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-drittijiet elettorali tagħhom, u b'hekk implimentaw dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Derogi, fejn iġġustifikati mis-sitwazzjoni speċifika ta' Stat Membru

L-Artikolu 12 tad-Direttiva jippermetti eċċezzjonijiet għall-prinċipju tat-trattament ugwali fejn dan ikun iġġustifikat minn problemi speċifiċi għal Stat Membru. Stat Membru fejn is-sehem ta' ċittadini mobbli tal-UE ta' età eliġibbli għall-vot jaqbeż l-20 % tal-elettorat totali jista' jenħtieġ li kemm il-votanti kif ukoll il-kandidati jkollhom perjodu minimu ta' residenza. Jista' jieħu wkoll miżuri biex jimmodifika s-sura tal-listi ta' kandidati. Jagħmel dan biex jintegra aħjar lill-barranin u jevita l-polarizzazzjoni bejn il-listi ta' kandidati "nazzjonali" u "barranin".

Il-Lussemburgu hu l-uniku Stat Membru li juża din id-deroga. Dan jagħti d-dritt tal-vot biss lil ċittadini mobbli tal-UE li kellhom id-domiċilju legali tagħhom fil-Lussemburgu u li rrisjedew hemm mill-inqas ħames (5) snin qabel ir-reġistrazzjoni. Il-Lussemburgu jirrikjedi ukoll li ċ-ċittadini mobbli tal-UE jkunu rrisjedew hemm mill-inqas ħames (5) snin qabel ma japplikaw biex jgħorġu bħala kandidati. Skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva, il-Lussemburgu kkomunika lill-Kummissjoni x-xewqa tiegħu li jkompli juża din id-deroga. Skont id-data pprovduta mill-awtoritajiet tal-Lussemburgu, l-għadd ta' ċittadini barranin tal-UE ta' età eliġibbli għall-vot li bħalissa jgħixu fil-Lussemburgu kien ta' 159 485. In-numru totali ta' ċittadini tal-UE ta' età eliġibbli għall-vot li jgħixu hemmhekk kien ta' 481 358. Jirriżulta li l-proporzjon bejn tal-ewwel u tal-aħħar kien ta' 33,1 %, lil hinn mil-limitu ta' 20 % stipulat mid-Direttiva. Għalhekk, l-għotja ta' deroga lil-Lussemburgu għadha ġustifikata.

3.2. Restrizzjoni ta' wħud mill-funzjonijiet għaċ-ċittadini nazzjonali


Id-Direttiva tippermetti li l-Istati Membri jirrestrinġu għadd ta' karigi fl-amministrazzjoni lokali għaċ-ċittadini proprji tagħhom, jigiġifieri għal kap, deputat jew membru tal-kulleġġ governattiv tal-eżekuttiv ta' unità tal-gvern lokali bażika. Dan japplika jekk iċ-ċittadin tal-Istat Membru jiġi elett b'mandat għal terminu sħiħ jew għall-eżekuzzjoni temporanja jew interim tal-funzjonijiet.

Fi żmien l-aħħar rapport fl-2012, 14-il Stat Membru¹⁹ ma rrestrinġew l-ebda kariga fl-amministrazzjoni lokali tagħhom għaċ-ċittadini proprji tagħhom, u tliet (3) Stati Membri²⁰ imponew restrizzjonijiet għall-kapijiet fl-amministrazzjoni lokali tagħhom biss. Sitt Stati Membri rrestrinġew il-karigi kollha f'livell oġġla minn dak ta' membru tal-kumitat eżekuttiv²¹, u żewġ (2) Stati Membri adottaw ir-restrizzjonijiet permessi kollha²². Mindu hwareġ dak ir-rapport, l-Ungerija u r-Rumanija nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tibdil fil-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni tagħhom li jneħħi r-restrizzjonijiet preċedenti.

Il-Kummissjoni evalwat l-attitudnijiet taċ-ċittadini dwar din il-kwistjoni. F'Ewrobarometru u f'konsultazzjoni pubblika mwettqa fl-2015²³, il-Kummissjoni talbet liċ-ċittadini biex jagħtu l-fehmiet tagħhom. Iċ-ċifri tal-Ewrobarometru juru li nofs jaqblu u nofs ma jaqblux li iċ-ċittadini mobbli tal-UE jingħataw id-dritt li joħorġu bħala kandidati għal ċerti karigi eżekuttivi f'pajjiżhom: Mas-47 % jaħsbu li jenħtieġ li jingħataw u mat-48 % jaħsbu li ma għandhomx jingħataw.

Illustrazzjoni 6: Karigi li jistgħu jiġu eletti għalihom iċ-ċittadini tal-UE f'unitajiet tal-gvern lokali bażiċi

Q5 EU citizens living in another EU country have the right to stand as candidates in municipal elections but are excluded from certain executive offices where only nationals of the country may run as candidates. Do you agree that citizens from other EU countries should also have the right to stand for these offices (except the office of mayor)?



* L-Awstrija u l-Ġermanja huma repubbliki federali — id-dispożizzjonijiet iwarjaw skont l-istat federali.

Madankollu, aktar minn tmien risponenti minn kull 10 (83 %) fil-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni fl-2015 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE kienu jaħsbu li iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE jenħtieġ li jkunu jistgħu jsiru membri tal-korpi eżekuttivi ta' muniċipalità.

¹⁹ Id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija,

is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.


²⁰ L-Ungerija, il-Polonja u s-Slovenja.

²¹ Il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Italja u l-Litwanja.

²² Il-Bulgarija u l-Greċja.

²³ Ewrobarometru Flash Nru 431, id-Drittijiet Elettorali, 2015.

Illustrazzjoni 7: Il-fehmiet taċ-ċittadini — jenħtieġ li ċ-ċittadini mobbli tal-UE jkunu jistgħu jsiru membri tal-korpi eżekuttivi ta' municipalit  fl-Istat Membru li jospitahom



3.3. Id-dritt ta' sħubija jew ta' twaqfif ta' partiti politiċi fl-Istat ta' residenza

Skont il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-UE jgawdu minn drittijiet elettorali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirresjedu. Dan jirrikjedi, pereżempju, l-aċċess għall-istess proċeduri ta' appell għal kwalunkwe omissjoni jew żball fir-reġistru elettorali jew fid-dikjarazzjoni tal-kandidatura jew fl-estensjoni tal-votazzjoni obligatorja lill-barranin. Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jfisser ukoll li jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-ħajja politika tal-Istat Membru ta' residenza u jissieħbu f'partiti politiċi fil-pajjiż ta' residenza tagħhom.

Il-Kummissjoni daħlet f'kuntatt mal-Istati Membri u għadha qed tiddjaloga ma' ċerti Stati Membri fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tippermettix li ċ-ċittadini mobbli tal-UE jkollhom l-istess drittijiet għall-partiti politiċi. Għadd ta' Stati Membri diġ  emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom. Għaddejnin diskussjonijiet ma' oħrajn.

3.4. "Unitajiet tal-gvern lokali bażiċi" — id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Id-Direttiva tinkludi Anness b'lista ta' definizzjonijiet nazzjonali ta' "unit  tal-gvern lokali bażika"²⁴, li huwa l-mod li bih id-Direttiva tistabbilixxi x'inh i elezzjoni muniċipali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni ġiet infurmata mid-Danimarka, l-Ungerija, l-Irlanda, ir-Renju Unit u in-Netherlands²⁵ li huma meħtieġa emendi u qed tħejji l-azzjoni neċessarja.

4. 4. L-IŻGURAR TAL-APPOĠĠ GħALL-EŻERĊIZZJU TAD-DRITT TAL-VOT

Għalkemm b'mezzi differenti, ħafna Stati Membri jwettqu attivitajiet biex jinfurmaw liċ-ċittadini mobbli tal-UE dwar id-drittijiet elettorali tagħhom fl-elezzjonijiet municipali²⁶. Pereżempju, 10 Stati Membri jibagħtu skedi informattivi dwar il-votazzjoni jew ittri individwali li jinfurmaw liċ-ċittadini mobbli tal-UE dwar il-proċess elettorali. Għaxar Stati Membri jipprovdu informazzjoni elettorali fuq sit web uffiċjali. Il-Lussemburgu, Spanja u

²⁴ L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva jiddefinixxi "unit  tal-gvern lokali bażika" bħala l-entitajiet amministrattivi elenkati fl-Anness.

²⁵ Il-kwestjonarju mqassam lill-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet elettorali.

²⁶ Sors: Il-kwestjonarju mqassam lill-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet elettorali.

Malta jorganizzaw kampanji mmirati b’mod speċifiku għaċ-ċittadini barranin biex iqajmu s-sensibilizzazzjoni tal-elettorat. Il-Latvja u r-Renju Unit iddedikaw “linji telefoniċi għall-għajnunna”. Ħames stati jipprovdu informazzjoni f’fuljetti jew fil-gazzetti lokali.

Pereżempju, fl-Irlanda, l-awtoritajiet lokali f’Dublin ipprovduw appoġġ liċ-ċittadini mobbli tal-UE biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali tal-2014. Dawn kienu elezzjonijiet muniċipali u tal-Parlament Ewropew ikkombinati. Dawn użaw diversi tipi ta’ reklamar barra d-dar u ta’ informazzjoni online. Kampanja online mmirata lejn ir-residenti kollha — jiġifieri Irlandiżi u mhux Irlandiżi — biex thegħeġ liż-zgħażaġh fl-Irlanda jirreġistraw għall-vot. Il-fuljetti ġew ippubblikati wkoll fi 17-il lingwa biex jiġu spjegati r-reġistru u s-sistemi elettorali għar-reġistrazzjoni fil-pajjiż.

Ċerti Stati Membri għandhom prattiki speċifiċi biex gruppi speċifiċi joħorġu jivvutaw. F’Malta hemm faċilitajiet biex tkun eħfef għall-votanti b’diżabilità biex jivvutaw, inklużi ċittadini mobbli tal-UE (mudelli bil-braille tal-polza tal-votazzjoni, awdjorikorders fil-kabina tal-vot, u struzzjonijiet dwar il-votazzjoni miktubin u moqrijin bil-Malti u bl-Ingliż). L-Att dwar il-Kunsilli Lokali ġie emendat biex iċ-ċittadini nazzjonali u mobbli tal-UE li jirrisjedu fi djar tal-anzjani jivvutaw fid-djar tagħhom u biex il-pazjenti fl-isptarijiet jivvutaw mill-isptar tagħhom. Barra minn hekk, jekk dan ikun iġġustifikat, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jivvutaw ġimgħa qabel Jum l-Elezzjoni²⁷.

Il-Kummissjoni ħadet ukoll inizjattivi speċifiċi biex ittejjeb l-għarfien dwar id-drittijiet elettorali wkoll. Dawn jinkludu l-għoti ta’ informazzjoni liċ-ċittadini tal-UE permezz tal-portal *L-Ewropa Tiegħek*, li bħalissa jirċievi aktar minn 1,4 miljun żjara fix-xahar²⁸.

Permezz tal-*Programm ta’ Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza*, il-Kummissjoni allokata b’kollox EUR 3,5 miljuni f’għotjiet għal azzjoni għal proġetti fl-2014, fl-2016 u fl-2017 biex trawwem l-inklużjoni u l-parteciċipazzjoni b’suċċess taċ-ċittadini mobbli tal-UE fil-pajjiżi ospitanti tagħhom, inkluża l-parteciċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali. Il-proġetti twettqu minn organizzazzjonijiet madwar l-UE kollha u laħqu lil eluf kbar ta’ ċittadini mobbli tal-UE. .

Pereżempju, il-proġett “Welcome Europe” għaqqad il-bliet ta’ Amsterdam, ta’ Brussell, ta’ Copenhagen, ta’ Dublin, ta’ Gothernburg u ta’ Hamburg flimkien ma’ universitajiet u mas-settur mhux governattiv. Il-proġett, li sar bejn Jannar 2015 u Diċembru 2016, fittex li jhegħeġ l-iskambju ta’ prattiki tajba dwar it-tfassil ta’ “politiki ta’ akkoljenza” għaċ-ċittadini mobbli tal-UE. Ir-riżultati tal-proġetti xxerrdu permezz ta’ sensiela ta’ konferenzi transnazzjonali u permezz tal-produzzjoni ta’ sett ta’ għodod²⁹.

Il-proġett wera li kien importanti biex l-awtoritajiet muniċipali jinfurmaw attivament liċ-ċittadini mobbli tal-UE dwar id-drittijiet, id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom u dwar il-prattikalitajiet tal-ħajja fil-komunità l-ġdida tagħhom. Dan jista’ jsir, pereżempju, permezz ta’ punt uniku ta’ kuntatt u permezz ta’ fuljetti. Jenħtieġ li l-mezzi ta’ komunikazzjoni tal-awtoritajiet muniċipali jsiru aċċessibbli għal nies li ma jkollhomx ħiliet perfetti fil-lingwa

²⁷ Dawn iridu jiddikjaraw li jkunu jew barra l-pajjiż, jew tkun se ssirilhom operazzjoni medika, jew ikunu tqal u l-ħlas ikun mistenni f’Jum l-Elezzjoni. Sors: Il-kwestjonarju mqassam lill-grupp ta’ esperti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet elettorali.

²⁸ COM(2017) 30 final.

²⁹ Il-ħidma ta’ dan il-proġett, u dik ta’ oħrajn ifffinanzjati permezz tas-sejħiet tal-2014 għal għotja għall-azzjoni tal-*programm tad-drittijiet, l-ugwaljanza u ċ-ċittadinanza*, ġiet murija riċentement matul il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u tal-Bliet, koospitata mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-kontributi kienu jinkludu: il-proġett ONTHEMOVE tas-Centre for European Constitutional Law (iċ-Ċentru għal-Liġi Kostituzzjonali Ewropea) — il-Fondazzjoni Themistocles & Dimitris Tsatsos; il-proġett “Living Rights” tal-Law Centres Network (in-Netwerk taċ-Ċentri Legali); l-ACT Active Citizens Together tal-East of England and Local Government Association; u punti uniċi ta’ kuntatt għall-parteciċipazzjoni politika ta’ ċittadini mobbli tal-UE mill-Migration Policy Group (il-Grupp għall-Politika ta’ Migrazzjoni).

lokali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet muniċipali jippruvaw jinkludu wkoll rappreżentanti ta' gruppi ta' ċittadini mobbli tal-UE f'korpi konsultattivi u fi gruppi ta' diskussjoni lokali. Finalment, jenħtieġ li l-popolazzjoni lokali tkun imħeġġa tinteraġixxi maċ-ċittadini mobbli tal-UE li jgħixu fil-belt.

5. 5. KONKLUŻJONIJIET

Elezzjonijiet liberi u universali huma l-pedament ta' governanza demokratika leġittima, u l-għoti ta' appoġġ biex in-nies joħorġu jivvutaw f'kull livell tal-poter hu prijorità. Fir-rapport tal-2017 tagħha dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika billi jinfurmaw aħjar liċ-ċittadini dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u billi jneħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom. Dan kien appoġġat fil-Konklużjonijiet maħruġa mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Mejju 2017³⁰. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni huma mistennija jadottaw l-opinjoni tagħhom fuq ir-rapport dwar iċ-ċittadinanza tard fl-2017.

Iċ-ċittadini tal-UE qed imorru u jirresjedu dejjem aktar fi Stati Membri oħra. Mindu ħarġu ż-żewġ rapporti preċedenti, il-popolazzjoni taċ-ċittadini mobbli tal-UE rdoppjat, b'madwar 14-il miljun b'età eliġibbli għall-vot fl-2016, iżda l-livelli ta' reġistrazzjoni tal-votanti għaċ-ċittadini mobbli tal-UE fl-elezzjonijiet muniċipali għadhom baxxi. In-numru ta' nies li joħorġu jivvutaw hu sfida kontinwa għad-demokrazzi kollha. In-numru baxx ħafna ta' dawk li ħarġu jivvutaw fost iċ-ċittadini mobbli hu inkwetanti peress li hemm periklu reali li dawn ma jeżerċitawx id-drittijiet elettorali tagħhom kemm fil-pajjiżi ta' oriġini u ospitanti tagħhom. Dan jeskludihom għalkollox minn kwalunkwe parteċipazzjoni demokratika. Il-votazzjoni hija drawwa li jenħtieġ li tiġi mhegga³¹.

Jidher li hemm bżonn ta' ġbir aħjar ta' data. Data aktar kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-għarfien u l-eżerċitar miċ-ċittadini mobbli tal-UE tad-drittijiet politiċi, u dwar kwalunkwe diffikultà li jesperjenzaw waqt il-parteċipazzjoni fil-komunitajiet lokali tagħhom tgħin biex jiġi indirizzat l-ammont baxx ta' ċittadini mobbli tal-UE li joħorġu jivvutaw. Id-data dwar in-numru ta' ċittadini mobbli spiss tinġabar biss f'livell nazzjonali, u mhux f'livell reġjonali jew lokali. Minkejja dan, data reġjonali u lokali bħal din hi meħtieġa biex tassisti fit-tfassil immirat ta' politiki tal-UE u tiżdied il-viżibilità taċ-ċittadini mobbli tal-UE fost il-partijiet ikkonċernati lokali.

Filwaqt li ġew solvuti ħafna kwistjonijiet, il-Kummissjoni qed tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tad-Direttiva u għadha tiddjaloga ma' xi Stati Membri.

Ir-restrizzjonijiet fuq iċ-ċittadini mobbli tal-UE li jkollhom karigi eżekuttivi fl-amministrazzjonijiet lokali tagħhom qed jonqsu bil-mod fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tqis li t-talba tal-Lussemburgu biex ikompli bid-deroga tiegħu skont id-Direttiva għadha ġġustifikata. Din se tieħu wkoll il-passi neċessarji biex temenda l-Anness tad-Direttiva, filwaqt li taġġorna l-lista ta' definizzjonijiet nazzjonali ta' unità tal-gvern lokali bażika fid-dawl tat-tibdiliet riċenti f'ċerti Stati Membri.

L-involvement imsaħħaħ taċ-ċittadini mobbli tal-UE fl-elezzjonijiet muniċipali u b'mod aktar ġenerali fil-ħajja politika Ewropea hu sfida li teħtieġ sforz konġunt mill-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, mill-istituzzjonijiet tal-UE, mis-soċjetà ċivili u mill-

³⁰ <https://www.consilium.europa.eu/media/22130/st09008en17.pdf>.

³¹ "Jien dejjem nivvota" ġiet irrapportata bħala l-ewwel raġuni assoluta għall-votazzjoni, skont studju tal-Parlament Ewropew.

http://www.europarl.europa.eu/pdf/eurobarometre/2014/post/post_2014_survey_analitical_overview_mt.pdf.

partiti politiċi. Dan hu essenzjali biex tiġi żgurata l-inklużjoni taċ-ċittadini mobbli tal-UE fil-ħajja soċjali u politika tal-komunitajiet ospitanti tagħhom.

Il-Kummissjoni se timplimenta l-azzjonijiet li ġejjin:

Għarfien aħjar

B'ħarsa lejn il-ġejjieni għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istati Membri u fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, fl-2018 il-Kummissjoni se tagħmel sħarriġ speċjali tal-Ewrobarometru dwar il-parteċipazzjoni demokratika taċ-ċittadini mobbli tal-UE. L-għan se jkun li jittejjbu l-eżerċitar tad-drittijiet elettorali u l-istandards demokratiċi fl-Unjoni. Il-Kummissjoni se tftitex li ttejjeb il-ġbir ta' data demografika fil-livell reġjonali għaċ-ċittadini mobbli tal-UE. Se tinkariga wkoll lin-netwerk ta' akkademiċi dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE biex jikkompila aktar evidenza kwalitattiva dwar x'jeħtieġu ċ-ċittadini mobbli biex jiehdhu sehem politikament fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej u dwar il-kuntest demokratiku, u dwar il-prattiki biex tiġi sostnuta l-parteċipazzjoni.

L-infurmar u s-sensibilizzazzjoni

Bi tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, il-Kummissjoni se tinkorpora informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE, inklużi d-drittijiet elettorali fil-kampanji ta' informazzjoni tagħha. Se jsiru wkoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni sabiex tiġi promossa r-reġistrazzjoni tal-votanti u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini mobbli fl-Istati Membri fejn għandhom isiru l-elezzjonijiet muniċipali³².

Il-Kummissjoni se tippromwovi l-portal "L-Ewropa Tiegħek" b'mod attiv, fejn iċ-ċittadini tal-UE se jsibu informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-formalitajiet elettorali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

L-iffaċilitar tal-proċess tal-votazzjoni

L-iffaċilitar tar-reġistrazzjoni u tal-votazzjoni għall-votanti hu partikolarment importanti. L-istudji juru li ċ-ċittadini tal-UE nfushom, b'mod partikolari dawk li jivvutaw f'pajjiż li mhux il-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom, jilqgħu Prattiki li jagħmluha aktar faċli għalihom biex jivvutaw f'dawn l-elezzjonijiet bħala barranin (pereż. ittri individwali, reġistrazzjoni onlajn fir-reġistru elettorali, eċċ.)³³.

Se tiġi promossa r-reġistrazzjoni awtomatika tal-votanti, inkluż permezz tan-netwerk ta' esperti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet elettorali.

Fl-2018 se jitlesta studju dwar il-votazzjoni mill-bogħod (inkluża votazzjoni postali u elettronika). Se tikkunsidra modi oħra kif tiffaċilita r-reġistrazzjoni tal-votanti u l-votazzjoni fit-tipi kollha ta' elezzjonijiet.

³² L-elezzjonijiet muniċipali se jsiru fl-2018 fil-Belġju, fl-Ungerija, f'Malta, fil-Polonja, fis-Slovakkja, fis-Slovenja, fl-Iżvezja, fir-Repubblika Ċeka, fin-Netherlands u fir-Renju Unit. Fl-2019 se jsiru fil-Bulgarija, fil-Greċja, fl-Irlanda u fil-Litwanja.

³³ Ara l-Ewrobarometru Flash 430 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, u l-konsultazzjoni pubblika tal-2015 rigward ir-rapport dwar iċ-ċittadinanza tal-UE.

Finalment, fl-2018 se jiġi organizzat attività ta' livell għoli dwar il-parteċipazzjoni demokratika b'enfasi partikolari fuq it-tiegħiġ tal-aħjar prattiki biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u ta' gruppi vulnerabbli u sottorappreżentati.

L-involvement tal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni biħsiebha tikkoopera mal-Kumitat tar-Reġjuni (permezz tal-Kummissjoni CIVEX tiegħu³⁴) u man-netwerk tagħha ta' awtoritajiet reġjonali u lokali. L-għan hu li tippromwovi l-attivitajiet li jżidu l-parteċipazzjoni fil-ħajja politika billi tiġbor informazzjoni dwar l-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u tippromwovi l-aħjar prattiki fil-livell lokali. Il-Kummissjoni se tikkoordina din il-ħidma man-netwerk tagħha ta' esperti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet elettorali.

Il-Kummissjoni se tindirizza l-kwistjoni ta' parteċipazzjoni politika taċ-ċittadini mobbli tal-UE, inklużi dawk b'diżabilitajiet jew li jappartjenu għal minoranzi, bħala parti mill-avveniment ta' livell għoli tagħha tal-2018 dwar kwistjonijiet demografiċi. Il-Kummissjoni organizzat ukoll sessjoni ta' ħidma dwar "id-dimensjoni tas-sessi fid-demokrazija tagħna" matul il-Kollokju annwali tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali f'Novembru 2017. Hawnhekk l-għan kien li ssir kontribuzzjoni għall-prattiki biex jitrawwem impenn politiku fost in-nisa u impenn għal ugwajanza akbar bejn is-sessi u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet Ewropej.

Il-Kummissjoni se tkompli tuża l-*programm ta' drittijiet, ugwajanza u ċittadinanza* biex tiffinanzja proġetti li jippromwovu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni b'suċċess taċ-ċittadini mobbli tal-UE fil-pajjiżi ospitanti tagħhom, inkluża l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali. Dawn il-proġetti jitwettqu minn organizzazzjonijiet madwar l-UE u jilhq u lil ħafna ċittadini mobbli tal-UE.

³⁴ Il-Kummissjoni għaċ-Ċittadinanza, il-Governanza u l-Affarijiet Istituzzjonali u Esterni, il-Kumitat tar-Reġjuni.

ANNEX

Tabelli bid-data

Tabella 1.1: Reġistrazzjoni taċ-ċittadini tal-UE għall-elezzjonijiet muniċipali*

	L-Istat Membru rrapporta li japplika r-reġistrazzjoni awtomatika għall-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	Il-popolazzjoni tal-Istat Membru b'età eliġibbli għall-vot (15-il sena jew aktar) fl-01.01.2016 (data tal-Eurostat tal-2016)	L-għadd ta' ċittadini tal-UE (15-il sena jew aktar) residenti fl-Istat Membru fl-01.01.2016 (data tal-Eurostat tal-2016)	L-għadd ta' ċittadini tal-UE rrapportati bħala intitolati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	L-għadd ta' ċittadini tal-UE rreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	Il-perċentwal ta' ċittadini tal-UE (15-il sena jew aktar) irreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali fl-01.01.2016 (data tal-Eurostat u tal-Istati Membri)	Il-perċentwal ta' ċittadini tal-UE rreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	Il-popolazzjoni eliġibbli għall-vot tal-Istati Membri apparagun tal-età tal-vot taċ-ċittadini tal-UE (%)
Il-Finlandja	x	4 591 285	80 608	81 062	81 062	-	100,0	1,76
Il-Latvja	x	1 668 697	5 523	15 452	15 452	-	100,0	0,33
In-Netherlands	x	14 179 348	405 499	430 985	430 985	-	100,0	2,86
L-Ungerija	(x)	8 406 037	79 865	105 061	104 805	-	99,8	0,95
Malta	x	372 514	14 021	14 021	14 021	100,0	100,0	3,76
Il-Litwanja	x	2 464 811	4 528	4 870	4 524	99,9	92,9	0,18
Id-Danimarka	x	4 746 977	168 754	178 909	113 773	67,4	63,6	3,55
L-Irlanda		3 687 782	318 565	323 460	78 648	24,7	24,3	8,64
Franza		54 431 181	1 328 334	1 248 807	279 488	21,0	22,4	2,44
Il-Lussemburgu		481 358	189 921	159 485	28 342	14,9	17,8	39,46
Il-Belġju		9 389 775	744 658	765 490	104 683	14,1	13,7	7,93
Il-Portugall	x	8 880 498	96 391		12 992	13,5	-	1,09
Il-Ġreċja		9 226 985	180 025	19 413	19 413	10,8	100,0	1,95

* Fuq il-bażi tad-data tal-Eurostat għall-2016 dwar il-popolazzjoni skont il-grupp ta' età, is-sess u ċ-ċittadinanza [migr_pop1ctz], meħuda fil-31.10.17 u fuq id-data pprovduta mill-Istati Membri

Tabella 1.2 Ħarsa ġenerali lejn id-data dwar iċ-ċittadini mobbli tal-UE**

	L-għadd ta' ċittadini tal-UE (b'età ta' 15-il sena u aktar) residenti fl-Istat Membru fl-01.01.2016 (Data tal-Eurostat tal-2016)	L-għadd ta' ċittadini tal-UE murija bħala intitolati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	L-għadd ta' ċittadini tal-UE rreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	Il-perċentwal ta' ċittadini tal-UE rreġistrati biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	Il-popolazzjoni tal-Istati Membri bl-età tal-vot (b'età ta' 15-il sena u aktar) fl-01.01.2016 (data tal-Eurostat tal-2016)	Il-popolazzjoni eliġibbli għall-vot tal-Istati Membri apparagun tal-età tal-vot taċ-ċittadini tal-UE (%)	L-għadd ta' ċittadini tal-UE rreġistrati biex joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali (data tal-Istati Membri)	Il-perċentwal ta' ċittadini tal-UE li joħorġu bħala kandidati eletti fl-elezzjonijiet muniċipali
Pajjiż								
Il-Belġju	744,658	765,490	104,683	14,1	9,389,775	7,93		
Il-Bulgarija	12,544				6,155,578	0,20		
Ir-Repubblika Ċeka	183,497				8,930,127	2,05		
Id-Danimarka	168,754	178,909	113,773	67,4	4,746,977	3,55	65	9,2
Il-Ġermanja	3,437,834	1,885,464*			71,294,558	5,33		
L-Estonja	14,188				1,104,499	1,28		
L-Irlanda	318,565	323,460	78,648	24,7	3,687,782	8,64		
Il-Greċja	180,025	19,413	19,413	10,8	9,226,985	1,95		
Spanja	1,731,468	2,074,248			39,414,699	4,39	1,913	
Franza	1,328,334	1,248,807	279,488	21,0	54,431,181	2,44		
Il-Kroazja	12,438				3,579,197	0,35		
L-Italja	1,281,928				52,383,692	2,45		
Ċipru	96,362				708,781	13,60		
Il-Latvja	5,523	15,452	15,452	279,8	1,668,697	0,33	10	20,0
Il-Litwanja	4,528	4,870	4,524	99,9	2,464,811	0,18	5	20,0
Il-Lussemburgu	189,921	159,485	28,342	14,9	481,358	39,46	225	7,6
L-Ungerija	79,865	105,061	104,805	131,2	8,406,037	0,95	41	12,2
Malta	14,021	14,021	14,021	100,0	372,514	3,76	9	22,2
In-Netherlands	405,499	430,985	430,985	106	14,179,348	2,86		
L-Awstrija	525,361				7,444,897	7,06		
Il-Polonja	21,898				32,258,354	0,07		
Il-Portugall	96,391		12,992	13,5	8,880,498	1,09		
Ir-Rumanija	46,434		40,846		16,695,321	0,28	53	15
Is-Slovenja	16,697				1,757,798	0,95		
Is-Slovakkja	47,747				4,594,209	1,04		
Il-Finlandja	80,608	81,062	81,062	100,6	4,591,285	1,76		
L-Iżvezja	265,042				8,133,874	3,26	419	20,8
Ir-Renju Unit	2,677,936				53,795,166	4,98		

*Tmintax-il sena u aktar fil-Ländern Bayern, Berlin, Brandenburg, Bremen, Hessen, Niedersachsen, Mecklenburg-Vorpommern, Rheinland-Pfalz, Sachsen u Sachsen-Anhalt

*** Fuq il-bażi tad-data tal-Eurostat għall-2016 dwar il-popolazzjoni skont il-grupp tal-età, is-sess u ċittadinanza [migr_pop1ctz], maħruġa fil-31.10.17 u fuq id-data pprovduta mill-Istati Membri*

Tabella 1.3 Ħarsa ġenerali lejn it-tweġbiet kwalitattivi sottomessi mill-Istati Membri għall-kwestjonarju użat biex jitħejja dan ir-rapport

	Miżuri biex jiġu assistiti liċ-ċittadini	Hemm miżuri ta' informazzjoni li ttejjdu mill-awtoritajiet tal-Istat Membru biex iġihinu liċ-ċittadini mobbli?	Hemm azzjonijiet u inizjattivi biex jipromwovu l-parteċipazzjoni fil-ħajja politika?	Inti taf bid-diffikultajiet prattiċi li jiltaqgħu magħhom/b'xi feedback minn daw k li mhumie x ċittadini?	Aġġornament dw ar il-leġiżlazzjoni nazzjonali	Daħlet fis-seħħ xi leġiżlazzjoni għda dw ar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 94/80/KE minn Jannar 2011?	L-Anness għad-Direttiva 94/80/KE li jirreferi għall-"unitajiet lokali tal-gvern bażiċi" jeħtieġ li jiġi aġġornat?	Inbidlu r-regoli nazzjonali dw ar ir-restrizzjonijiet fuq barranin li jokkupaw karigi mhux eżekuttivi?
Pajjiż								
IL-BELĠJU		LG	LG Brussell	LE				
IL-BULGARIJA								
IR-REPUBBLIKA ĊEKA		LE	LE	LE				
ID-DANIMARKA		IVA	LE	mhux applikabbli		IVA	IVA	
IL-ĠERMANJA		LG	LG	mhux applikabbli				
L-ESTONJA								
L-IRLANDA		IVA	IVA	mhux applikabbli			IVA	
IL-GREĊJA		LG	IVA	LE				
SPANJA		Y/LG	LG	LE				
FRANZA								
IL-KROAZJA								
L-ITALJA		IVA	mhux applikabbli	mhux applikabbli		IVA		
ĊIPRU								
IL-LATVJA		IVA	LE	LE				
IL-LITWANJA		IVA	Y/LG	LE				
IL-LUSSEMBURGU		IVA	IVA	LE		IVA		
L-UNGHERIJA		IVA	mhux applikabbli	mhux applikabbli		IVA	IVA	IVA (kanċellati)
MALTA		IVA	Y/LG	LE		IVA		
IL-NETHERLANDS		LE	LE	LE			IVA	
L-AWSTRIJA		Y/LG	Y/LG	LE				
IL-POLONJA								
IL-PORTUGALL								
IR-RUMANIJA		IVA	mhux applikabbli	LE		IVA	LE	IVA (kanċellati)
IS-SLOVENJA		IVA	Y/LG	LE		IVA	IVA	
IS-SLOVAKKJA		LG	N/LG	LE				
IL-FINLANDJA		IVA	LE	LE		IVA		
L-IŻVEZJA		Y/LG	IVA	LE		mhux applikabbli		
IR-RENJU UNIT		IVA	LE	LE		IVA	IVA	

Tifsira u noti

LG: L-attivitajiet iddaħħlu fis-seħħ mill-gvern lokali

Y/LG: L-attivitajiet huma kwistjoni ta' kompetenza u jitwettqu kemm mill-gvern ċentrali kif ukoll dak lokali

N/LG: L-attivitajiet huma l-kompetenza tal-gvern ċentrali u tal-gvern lokali iżda jitwettqu biss mill-gvern lokali